

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħhom, ir-rikorrenti jinvokaw ħames motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq il-fatt li mingħajr bażi legali valida, ir-Regolament 2017/423 jikser il-prinċipju ta' konferiment skont l-Artikoli 5(1) u 5(2) TUE u, f'kwalunkwe każ, il-prinċipju ta' bilanċ istituzzjonali skont l-Artikolu 13 (2) TUE.
2. It-tieni motiv ibbażat fuq il-fatt li bin-nuqqas milli jieħu l-miżuri neċessarji biex jikkonforma mas-sentenza fil-Kawżi Magħquda C-659/13 u C-34/14, *C&J Clark International*, ir-Regolament 2017/423 jikser l-Artikolu 266 TFUE.
3. It-tielet motiv ibbażat fuq il-fatt li billi jimponi dazju antidumping fuq l-importazzjoni taż-żraben "li seħħew matul il-perijodu ta' applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1472/2006 u r-Regolament tal-Kunsill (UE) 1294/2009", ir-Regolament Nru 2017/423 jikser l-Artikoli 1(1) u 10(1) tar-Regolament (UE) 2016/1036 <sup>(1)</sup>, u l-prinċipju ta' ċertezza legali (Nuqqas ta' retroattività).
4. Ir-raba' motiv ibbażat fuq il-fatt li billi jimponi dazju antidumping mingħajr ma jwettaq evalwazzjoni ġdida tal-interess tal-Unjoni, ir-Regolament 2017/423 jikser l-Artikolu 21 tar-Regolament 2016/1036 u li fi kwalunkwe każ, huwa manifestament żbaljat li wieħed jikkonkludi li l-impożizzjoni ta' dazju antidumping kien fl-interess tal-Unjoni.
5. Il-ħames motiv ibbażat fuq il-fatt li billi jadotta att li jeċċedi dak li huwa neċessarju biex jikseb l-għan tiegħu, ir-Regolament 2017/423 jikser l-Artikolu 5(1) u 5(4) TUE.

<sup>(1)</sup> Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 176, 2016, p. 21).

**Rikors ippreżentat fis-6 ta' Ġunju 2017 – NCL vs EUIPO (FEEL FREE)**

(Kawża T-362/17)

(2017/C 249/58)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

**Partijiet**

Rikorrenti: NCL Corporation Ltd (Miami, Florida, l-Istati Uniti) (rappreżentanti: J. Bühling u D. Graetsch, Rechtsanwälte)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

*Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* trade mark verbali tal-Unjoni "FEEL FREE" – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 15 090 533

*Deċiżjoni kkontestata:* deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-23 ta' Marzu 2017 fil-Każ R 2094/2016-4

**Talbiet**

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

**Motiv invokat**

- Ksur tal-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009.